


Katechein

Issue: 2/19


# Kif Morna?

***Għeżież Katekisti u Kollaboraturi fl-Edukazzjoni għall-fidi,***

Issa li s-sena kateketika spiċċat u dħalna sewwa fil-vaganzi tas-sajf, tajjeb li niftakru li f'dak kollu li nagħmlu dejjem ikollna bżonn li nieqfu ftit. Huwa dan iż-żmien opportun li fih aħna naħsbu f'dak li għamilna u f'dak li għaddejna minnu. Il-filosfu Sokrate ħafna snin ilu qal li l-ħajja li mhix eżaminata, mhix ta' min jgħixha. Huwa permezz tar-riflessjoni fuq dak li aħna nagħmlu li l-prattiċi tajbin li nkunu tgħallimna u wżajna matul is-sena ma nitilfuhomx, anzi nsaħħuhom.

Huwa wkoll f'dan iż-żmien ta' riflessjoni li aħna nistgħu naraw ftit fejn stajna morna aħjar, jew inkella fejn nistgħu immorru aħjar 'l quddiem. Huwa permezz ta' din l-evalwazzjoni li aħna nikbru u nissaħħu fil-ministeru tagħna bħala katekisti.

Għalhekk inħeġġiġkom biex kemm bħala grupp ta' katekisti, kif ukoll fuq livell personali ssibu xi ftit ħin biex tagħmlu evalwazzjoni tas-sena kateketika li għadha kemm spiċċat. B'hekk inkunu diġà qed nippreparaw għas-sena kateketika li ġejja biex din ukoll tħalli l-frott bħas-sena li għandha kemm intemmet.


**Rev. Dr Carl-Mario Sultana**
**Deleġat għall-Katekeżi**

*carlmario.sultana@maltadiocese.org*
*7960 3872*


Nixtieq







 li nwasslu KATECHEIN għand il-katekisti kollha. Jekk tafu b'katekisti li għal xi raġuni jew oħra m'humiex qed jirċevuha, għidulhom jibgħatulna email fuq info.katekezi@maltadiocese.org